# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta’ nhar it-Tnejn, 11 ta' Lulju, 2016

**Talba Nru:** 555/15 DMA

**Maria Assunta Tonna**
**(ID. 159163M)**

**Vs**

**Raymond Zammit**
**(ID. 712555M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-13 ta’ Lulju, 2015 fejn l-attrici talbet lil dan t-Tribunal joghgbu jikkundanna lill-konvenut biex ihallas s-somma globali ta’ tlett elef erba’ mija u wiehed u tletin centezmu u disghin centezmu (€3,431.90) rapprezentanti d-danni minnha sofferti fil-fond propjeta’ taghha 195, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar b’rizultat ta’ xogholijiet ezegwiti mill-konvenut fil-fond adjacent, bl-ispejjez kollha u bl-imghax sad-data tal-hlas effettiv.

Il-konvenut debitament notifikat ipprezenta risposta fejn ecepixxa illi t-talbiet rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi minghajr pregudizzju ghas-succepit, l-ammont mitlub mir-rikorrenti huwa wiehed esagerat.

Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-Ligi.

Bl-ispejjez.

Illi wara hafna tentattivi biex il-partijiet jirrengaw il-pendenzi ta' hsara li giet ikkreata mill-konvenut, it-talba tnaqset minn tlett elef erba' mija u wiehed u tletin centezmu u disghin centezmu (€3,431.90) ghal mitejn u hamsa u erbghin ewro (€245) li hija l-ispiza sabiex jinbidel bieb illi l-attrici qed tallega illi saret hsara fuq ix-xambrella tieghu.

Peress illi ma ngabux provi cari jekk il-hsara saritx jew le waqt it-tiswija tal-hsara pero' fl-istess hin lanqas kien hemm cahda totali, it-Tribunal ihoss illi ghandu jikkundanna lil konvenut ihallas biss l-ammont ta' mija u hamsin ewro (€150) lil attrici bhala kontribuzzjoni biex jinxtara l-bieb.

Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**